# L-Ewwel Każin tal-Banda fil-Gudja



Gaud. P. Borg

Snin ilu ktibt dwar il-ħajja ta' dan il-każin. Illum, għal min irid ikun jaf, nikteb f'aktar dettall ukoll biex nuri kif il-każin spiċċa bi ġlieda kbira bejn is-soċi. Kull fejn hemm tnejn tista' tidħol il-pika u kienet il-passjoni ta' pika żejda bejn tar-'Rużarju' u taċ-'Ċintura' li ġabet il-mewt ħesrem tal-każin imwaqqaf għall-festa ta' Santa Marija.

Il-każin tal-banda ta' Santa Marija tal-Gudja beda fid-dar tal- 'Prinċ', illum żewġt idjar faċċata tal-pjazza, fil-bidu tat-triq Glormu Cassar. Meta beda, aktarx għall-ħabta tal-1883; ma kienx għad hemm is-salib li għandna f'għeluq il-misraħ u b'hekk il-każin kellu l-veduta tal-misraħ kollha quddiemu. L-istatwa ta' Santa Marija tal-pjazza kienet ilha hemm u nafu li l-istatwa ta' San Ġużepp saret minn Mastru Xandru Farrugia (Żejtuni) fl-1834. Is-salib tpoġġa fil-misraħ minn xi familja għall-ħabta tal-1900. Anqas it-Triq Ġlormu Cassar ma kienet għadha nfetħet. Din it-triq infetħet fi żmien il-gvern tal-'Compact' (1927-1932) u ssemmiet għall-perit Ġirolamo Cassar li ħadem ħafna bini tal-Belt Valletta. Hawn min jgħid li Ġlormu Cassar (1530 - 1592) twieled fil-Gudja u mar joqgħod fil-Birgu. (Il-Gudja ma tagħmilx ħażin li twaqqaflu monument quddiem l-iskola tal-gvern jew viċin il-grawnd tal-futbol)

Meta beda l-każin ta' Santa Marija, il-pika bejn iż-żewġ festi sekondarji tar-raħal kienet ġa bdiet teżisti u ż-żewġ fratellanzi kienu ġa bdew ma jiħdux parti fil-festi ta' xulxin. Però l-pika fit-triq ma kinitx għadha saret perikoluża, u għalhekk in-nies setgħu jiftħu każin wieħed għall-Gudja kollha. Qabel l-1900 il-każin ta' Santa Marija kien għalaq għall-ewwel darba u meta reġa ġie biex jiftaħ il-'Prinċ', is-Sagristan Ġużeppe Zahra, kien ġa qiegħed jokkupa d-djar tiegħu. Il-każin għalhekk fetaħ f'post ieħor u mar f'dar ġo Triq San Ċiru, mal-ħajt tax-xellug, int u nieżel. Il-'Prinċ' bena dawk iż-żewġt idjar li hemm illum u fil-faċċata poġġa statwa tal-Madonna tar-Rużarju bid-data 8 t'Awwissu 1903, cioè ftit ġranet qabel il-festa ta' Santa Marija. Din l-istatwa kien jingħad li saret bħala risposta għall-istatwa l-oħra tal-Madonna taċ-Ċintura, li hemm fi Triq Raymond Caruana, fil-kantuniera ma' Triq L-Annunziata, ħdejn l-għassa tal-pulizija. Dik l-istatwa taċ-Ċintura kienet tpoġġiet hemm fl-20 t'Awwissu 1839. Kienu l-ewwel sinjali ta' pika li xterdet u issa ħarġet fit-toroq.

Fil-bidu tagħha dik it-triq l-oħra li semmejna, li illum jisimha 'San Ċiru', kienet

magħrufa bħala 't-Triq ta' Sinċier' u fil-fatt, aktar 'l isfel, hemm għelieqi msejjħa 'Ta' Sinċier'. Ma tridx wisq biex tintebaħ kif u għaliex l-isem ewlieni 'Strada Sinċiero', maż-żmien imbaram u sar miktub 'Strada San Ċero', u aktar 'il quddiem spiċċa biex sar 'Triq San Ċiro'. (Ta' min ikun ċert jekk jiżistix xi San Ċiro fost il-qadissin!) Meta kien f'din it-triq, l-ewwel każin tal-banda tagħna kellu lis-surmast Żejtuni 'Ċirkes' - Anġelo Mifsud , li kiteb dik il-famuża kotradanza nazzjonali tal-karnival 'Il-Maltija', Is-Surmast Mifsud dak iż-żmien kien semmiha 'Zagatula'.

F'Marzu 1911 miet Dun Andrea Scicluna, devot qawwi tar-Rużarju, u l-każin tal-banda ta' Santa Marija ġie minfloku fid-dar tal-pjazza, kantuniera ma' Triq iż-Żebbuġa, fejn illum hawn il-każin tal-banda 'La Stella'. Hawn, l-ewwel każin sab id-daqqa tal-mewt tiegħu f'Ottubru jew Novembru tal-1915. L-istorja ġrat hekk: għall-festa titulari tal-1915, il-każin ħa parti bħas-soltu bil-banda u bil-logħob tan-nar: ma kienx jieħu parti fil-festi sekondarji. Però fis-sena 1915, fil-festa tal-Madonna taċ-Ċintura , il-każin spara ħabel bombi fuq il-bejt. Il-President, ċertu Antonio Zammit *, qal li dawk il-bombi kienu nesew u baqgħu ma nħarqux mill-festa ta' Santa Marija u kien perikoluż li jibqa' jżommhom fil-każin. Dawk imxaqilbin lejn taċ-Ċintura ma raw xejn ħażin. Mhux hekk dawk imxaqilbin lejn tar-Rużarju. Billi dan l-inċident kien ġara bil-moħbi tagħhom, u l-President kien 'Cinturant', dawk tar-Rużarju ssuspettaw. Għall-festa tar-Rużarju ma nħaraq xejn. Fil-bidu ta' Novembru faqqgħet il-ġlieda bejn dawk taċ-Ċintura u dawk tar-Rużarju. Kienu fuq, fis-sala tal-gallerija, fejn dak iż-żmien kien hemm il-bottegin. Nazju, Schembri 'Tal-Buduna', kien baqa' jiftaħar li ma ħa parti ma' ħadd. Meta ra l-ġlied bejn dawk il-manigoldi, għajjat lis-soċi li kienu isfel. Ġara imma li xi wħud bewġu 'l barra u t-tnejn li telgħu qalgħu xi daqqa ta' ponn huma wkoll, u flok firdu ġgieldu. Nazju anqas ma kien raġel tal-ġlied u meta ra hekk ħasibha u ġab siġġu biex tela' fuq il-mejda u tefa' l-lampa li kien hemm imdendla. Fid-dalma li waqgħet, ħadd ma seta' jkompli jagħti. In-nies niżlu u ħarġu 'l barra. Xi xhur wara l-ġlieda l-għamara tal-każin inbiegħet b'irkant u naf li 'l quddiem l-arblu tal-bandiera spiċċat għand il-każin taċ-Ċintura. Il-każin ta'Santa Marija beda mingħajr il-pika fl-1913 u spiċċa minħabba l-pika fl-1915. Kien hawn min xewwex għax sinċerament kien jaħseb li, fil-Gudja, mingħajr il-pika ma jsir xejn.

F' Novembru 1915 l-ewwel każin tal-banda fil-Gudja għalaq biex qatt ma reġa' fetaħ. F'Mejju 1919 nfetħu flimkien iż-żewġ każini li għandna llum, iddedikati għaż-żewġ festi sekondarji. Kienu l-fratellanzi u l-festi tagħhom li welldu l-każini tal-banda fil-Gudja u mhux bil-maqlub. Il-festa ta' Santa Marija titulari antikissima tal-Gudja, m'għandhiex fratellanza u m'għandhiex każin. B'hekk, kif jgħiduha, 'ġiet bilqiegħda bejn żewġ siġġijiet' !.

* Kien tani informazzjonijiet dwar il-każin, imma qatt ma ammetta li l-Każin ta' Santa Marija kien sfratta kważa ta' dak il-ħabel bombi. Kien jeħodha kontra dawk li, għalkemm b'intenzjoni tajba, welldu u xewxu biex kabbru l-pika bejn il-fratellanzi u l-festi sekondarji.